MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 138/2006

**A f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri C u D**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fil-21 ta' April 2006 li permezz tiegħu l-attriċi A ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fl-4 ta' Mejju, 1996 hekk kif jirriżulta mill-estratt tal-Att taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. CF 1.

2. Illi l-kontendenti għandhom żewġt itfal minuri mill-imsemmi żwieġ, u ċjoe' C u D.

3. Illi l-intimat irrenda l-ħajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibbli, *stante* illi l-istess intimat huwa ħati ta’ adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi ġravi da parti tiegħu fil-konfront tal-istess rikorrenti, u għalhekk iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment b’tort uniku tal-istess intimat;

4. Illi l-kontendenti ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta’ din l-Onorabbli Qorti Digriet numru ___/__ datat 4 ta’ April, 2006 hawn anness u mmarkat Dok. CF 2;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn ma’ l-intimat;

2. Tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li għandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti għaliha u għall-minuri C u D fuq imsemmija, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu jew jista’ jkollu; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut kull sena;

3. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand ir-rikorrenti;

4. Tapplika kontra l-intimat *in toto* jew *in parte* tal-artikolu 48, 51, 52 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sa fejn applikabbli, inkluża izda mhux biss l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat *ope sententiam*, u jekk okkorrendo jkun il-każ tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jiġu nkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti l-beni kollha dotali u / jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u / jew jittieħed kont tal-valur tagħhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur għandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur ir-rikorrenti fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija.

7. Tawtorizża lir-rikorrenti sabiex tgħix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri C u D u dan tenut kont tal-eta' tenera tal-istess minuri li għad irid jitrabbew, u dana ad eskluzjoni tal-intimat u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż u bl-intimat minn issa ingunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi A u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2006, li permezz tagħha l-konvenut B eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi kienet l-attriċi li bl-aġir tagħha lok għall-firda ta' bejniethom minħabba sevizzi, vjolenza fiżika u morali fil-konfront tal-esponenti, u nġurji gravi, u l-esponenti kien kostrett li joħroġ mid-dar matrimonjali billi l-argumenti sħan u ta' spiss ipprovokati mill-attriċi quddiem uliedhom minuri ċertament li ma kienux ta' ġid għall-istess minuri, u martu u ma ħallietlu l-ebda għażla oħra ħlief li jekk kien

ser jibqa' jgħix taħt l-istess saqaf magħha, il-konsegwenzi setgħu ikunu ferm aktar gravi;

2. Illi l-esponenti jiċħad bil-qawwa kollha r-raġunijiet tas-separazzjoni li l-attriċi qedgħa tattribwixxi lilu, u l-kawża tal-firda ta' bejniethom kienet prinċiparjament dovuta għal fatt li l-partijiet għandhom karattru inkompatibbli għal ta' xulxin u l-attriċi hija mara ferm diffiċli li tgħix magħha. Fil-fatt l-esponenti issaporta s-snin u għamel il-pass li għamel billi ma setgħax jiflaħha aktar;

3. Illi minkejja li l-esponenti għamel l-almu tiegħu kollu biex ikollu kuntatt mat-tfal u anke aċċess għalihom, dan martu ċaħħditulu u qatgħetlu kull kuntatt magħhom kemm b'mod fiżiku u anke permezz tat-telefon;

4. Illi l-esponenti ma jopponix li jkun hemm is-separazzjoni bejniethom iżda jżomm ferm id-dritt tiegħu għal kura u kustodja konġunta tal-ulied u għall-aċċess regolari għalihom;

5. Illi l-esponenti lanqas qed jopponi ghal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, u jrid jieħu lura l-oġġetti tiegħu personali li martu għadha sal-lum ċċaħħdu milli jeħodhom;

6. Illi l-effetti tal-artikoli 48, 51, u 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-attriċi billi kienet hi bl-aġir tagħha li tat lok għall-firda ta' bejniethom;

7. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-diġriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2006 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottoressa Anna Mallia bħala perit legali u r-rapport tal-istess perit legali debitament maħluf;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia ingħad l-attriċi qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan tant illi l-konvenut ippropona da parti tiegħu kontro talba fejn għamel l-istess talbiet. Il-kawża naturalment kienet kontestata sew u kien hemm diversi punti ta’ kontestazzjoni; ma setax jonqos lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom.

**PROVI**

Kif qalet il-Qorti fil-kawża **“Marthese Vella pro et noe vs George Vella”** deċiża mill-Prim’ Awla fit-28 ta’ Frar 2003 “Il-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti ta’ importanza minuri” (**“Catherina Agius vs Bendict Agius”** Prim’ Awla, Qorti Ċivili 13 ta’ Ġunju 1967).

*“La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Proċedura Ċivili* (illum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12*) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e’ pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche ...”* (**“Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia”**, Prim’ Awla Qorti Ċivili, 7 ta’ Marzu 1919).

Il-Qorti allura trid neċessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u tagħtihom dak il-piż li hu

normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oġġettiv u fattwali, miżurat miċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari.

**Provi attriċi**
Fl-affidavit tagħha preżentat fid-29 ta' Settembru 2006 u li jinsab a fol 40 *et seq* l-attriċi tgħid li hija żżewġet lill-konvenut fl-4 ta' Mejju 1996 u li minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt itfal, C ta' 9 snin u D ta' tlett snin.

Hija tikkontendi li l-intimat huwa ħati tal-firda peress li huwa ħati ta' adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront tagħha.

Dwar sevizzi, hija tgħid li żewġha għandu paga tajba li taqbeż il-Lm500 fix-xahar għax jaħdem bħala *supervisor* man-Nylon Knitting iżda l-flus dejjem żammhom għalih u ma kienx jagħtiha flus. Għalih kien jonfoq bl-addoċċ u lilha lanqas itiha paga. Ir-raġuni għaliex waslet għas-separazzjoni hija għax hi kienet dejjem tittallablu għall-flus. Kien wara li bdiet il-proċeduri bil-Qorti li żewġha ġie ordnat jgħaddilha Lm120 fix-xahar manteniment għaliha u għall-minuri (digriet tat-8 ta' Frar 2006 (Dok CF3) liema digriet ġie apporzjonat b'digriet ieħor tad-29 ta' April 2006 kwantu għal Lm80 għaż-żewġt itfal u Lm40 għaliha (Dok CF4).

Tort ieħor li wassal għat-tifrik ta' żwieġ kien il-ħruġ kontinwu tiegħu mal-ħbieb kull fil-għaxija, u jdum sa tard bil-lejl barra minkejja li kienet tgħidlu li dan kien iweġġagħha ħafna. Tgħid li żewġha dejjem ried ħafna liberta' – igawdi u joħroġ mal-ħbieb – u l-mara lanqas teżisti. Tgħid li għadu jagħmel hekk u jidħol id-dar tard fis-sakra u kull meta kienet tgħidlu kien jiġġieled magħha u jgħid li hu jrid il-liberta'.

Dwar moħqrija u nġurji gravi da parti ta' żewġha, l-attriċi tgħid li dawn jikkonsistu fl-għajjat u tgħajjir ta' żewġha, li lilha jitrattaha ta' tifla żgħira jew ta' seftura. Kien juża kliem dispreġġjattiv kontinwu kontra tagħha u jweġġagħħha ħafna u kien jgħajjarha – kera u ħoxna u hija erħilha tibki

mweġġa'. Tgħid li relazzjonijiet intimi ftit li xejn kellhom u meta kellhom kien biex jinqeda hu.

Dwar eċċessi u theddid, tgħid li żewġha kien jerfa' jdejh fuqha u ma mexxietx bil-pulizija kontra tiegħu għax kienet tibża' li tiġiha agħar u għax kienet dejjem tipprova żżomm il-kwiet. Darba tgħid li marret tixtri l-uniformi tal-iskola tat-tfal u għax
insiet l-irċevuta u talbitu jirriversja bil-karozza ħalli tmur għall-irċevuta żewġha qabad jgħajjat b'nervi kbar u jfajjarlha d-daqqiet.

Tgħid li żewġha telaq mid-dar matrimonjali u qed jgħix għal rasu. Tgħid li llum hija u t-tfal jgħixu f'aktar serenita' u f'ambjent san u nieqes minn għajjat, tgħajjir u theddid.

Lit-tifel il-kbir kien isawtu bil-karkura u biex jeħles minnu jibagħtu għand ommha. Dan hija ma kienetx tista' għalih pero' ma setgħet tagħmel xejn għax żewġha huwa aktar b'saħħtu.

Dwar l-adulterju tgħid li dan l-aħħar skopriet li hemm mara oħra f'ħajtu li qed jgħix magħha u ma' binha. Din hija Għawdxija u huwa għalhekk li hu l-ħin kollu tiela' u nieżel Għawdex.

Tgħid li dan l-aħħar inqala' nċident meta f'Għawdex telgħet tfittex lil żewġha u ratu ma' din il-mara u binha; meta raha nħasad u meta hi avviċinatu biex tgħidlu għaliex kien qed jagħmlilhom hekk huwa rrispondiha li hu ma jridx jaf la biha u lanqas b'uliedhom u dan qalu quddiem uliedu stess li weġġgħu u għadhom mweġġgħin sal-lum. Hija meta rat hekk taha ħass ħażin u kellha tmur l-isptar ta' Għawdex.

Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2007 l-attriċi ddikjarat li żewġha jgħix ma' mara oħra u ppreżentat DVD (Dok MCF 1) li juri dan kif ukoll ċertifikat mediku (Dok MCF2) li ġie rilaxxjat meta hija daħlet l-isptar wara li ta ħass ħazin Għawdex.

Tgħid li l-mara li ratu magħha hi separata u toqghod ___, ____________________ u hi l-istess waħda li tidher fid-DVD.

A fol 74 żewġha jammetti li qed joqgħod Għawdex.

Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2007 xehed il-*private investigator* Grace Gatt fejn ikkonfermat li f'Settembru 2006 rat lil B jitlaq mix-xogħol għaċ-Ċirkewwa bil-karozza Hyundai ___-___ reġistrata fuq ___, _______________________ fuq ismu.

Tgħid ukoll Gatt li f'Settembru kollu kienet tara lill-konvenut iħalli ċ-Ċirkewwa u meta jasal Mġarr jirkeb u jiftaħ Fiat Punto blu ___-___ li tgħajjat lil E ta' _____________________. Tgħid li darba anke rathom *hand in hand* kif jirriżulta mis-*cd* tal-*video* li hija ħadet u li ġie preżentat il-Qorti.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2007 l-attriċi pproduċiet lil E li kkonfermat li tgħix ______________________ u qalet li llum ż-żwieġ tagħha ġie annullat u lill-konvenut ilha tafu xi sena u nofs. Għandha tifel ta' disa' snin u jħobb jistad u saret tafu peress li t-tifel kien għamel ħbieb miegħu waqt li jkun jistad. Tgħid iżda li huma ħbieb u xejn aktar. Tammetti li l-konvenut ġieli saq il-karozza tagħha Fiat Punto ċelesti ___-___. Tammetti li ġieli ħarġu jieklu flimkien iżda li huma ħbieb biss. U li l-aħħar li ħarġu flimkien kien xi ġimgħa ilu.

Fl-istess seduta xehed iz-ziju tal-attriċi F li fit-22 ta' Settembru 2007 kien Bay Street xis-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar u ra lil B ma' E u t-tifel tagħha mexjin bħala koppja u mistoqsi xi jrid ifisser b'dan huwa qal għax kienu mexjin flimkien.

In kontro-eżami (seduta 16/10/2008) l-attriċi tgħid li ż-żwieġ tagħhom għal bidu kien tajjeb sakemm ħarġet tqila biż-żgħir li llum għandu ħames snin. Beda joħroġ mal-ħbieb, isawwatha, jiġi fis-sakra, tokroblu għall-flus. Tgħid li l-familja tagħha kienu jirrispettawh qisu binhom u li hi dejjem żammet lura minħabba t-tfal, ma tkellmet ma' ħadd

u għajnuna ma fittxitx. Rigward il-flat ta' Wied il-Għajn hija tgħid li dawn tawulhom il-ġenituri tagħha waqt iż-żwieġ meta l-affarijiet kienu sew. Lil niesha qatt ma qaltilhom bil-problemi fiż-żwieġ.

Tgħid li żewġha abbandunhom fl-aħħar ta' Ottubru ta' xi tlett snin ilu u kien qallha li għax jiġġieldu għamel dan. Hija tgħid li ma kienetx tiġġieled ta' xejn. Raġel tal-familja ma jdumx barra sal-erba' ta' fil-għodu u jiġi d-dar fis-sakra. Qatt ma kien itiha paga u dejjem tittallab jekk ħa tixtri oġġett. Kull darba li jkollha bżonn tixtri xi ħaġa trid titolbu u anke allowance jeħodha hu. Kienet tirrabja għax għalih jixtri, karozza jibdilha, *stereos* u kienet tiġġieled l-aktar minħabba l-bżonnijiet tat-tfal mhux tagħha.

Kellha suspett li għandu mara oħra meta kienet għadha *pregnant* biż-żgħir għax kien imur Għawdex kull nhar ta' Ħadd ħdejha. Lilha kien jgħidilha mur sib ieħor u mur orqod fil-kamra waħdek. Kien qallha li kien joħroġ ma' sħabu tal-muturi u wara skopriet li kien telaq mid-dar biex mar għandha.

**Provi Konvenut**

Fl-affidavit tiegħu (Dok F1 seduta 3/3/08) l-konvenut xehed li jgħid ftit ġranet wara li bdew joħorġu flimkien daħlitu d-dar u damu ħames snin flimkien sa ma żżewġu. Anke fl-għerusija kienu jillatikaw ħafna u l-għerusija ma kienetx waħda feliċi. Il-mara kienet rasha iebsa ħafna u trid li dejjem tgħaddi tagħha. Jgħid li kien mogħmi warajha u meta kienu għarajjes sar jaf li kien hemm wieħed jismu G li kellha ċertu ġibda lejh u hi kienet ħsiebha fih iżda kienet tiċħad. Anke meta kien ikun għand ommha kien jara tmur tittawwal mill-*blinds* tat-tieqa ħa tara tarax lil dan G jpejjep fil-gallarija. Iżda xorta żżewwiġha.

Jgħid li anke meta wasal iz-zmien li jiżżewġu hija baqgħet l-istess ta' rasha u li tgħid hi biss tajjeb iżda hu kien mogħmi warajha u żżewwiġha.

Jgħid li dakinhar stess li żżewġu martu riedet li jkollha tarbija iżda huwa ma riedx li jkollhom tfal mal-ewwel minħabba li d-dar ma kienetx għadha lesta iżda hija

ssuppervjat u biex jikkuntentaha ħarġet tqila iżda korriet u tilfet it-tarbija. Kellha
bidu ta' *depression* u kienet taqbad miegħu ghal kull ħaġa ta' xejn u dejjem tgħajru.

Wara xi tlett xhur reġgħet riedet li jkollhom tarbija u għax ma setgħetx tinqabad tqila kienet tgħajru li ma kienx għadu tajjeb u twaħħal fih. Jgħid li fit-tqala kienet traskurata tant li t-tabib kien ordnalha toqgħod fis-sodda u meta twieled it-tifel il-kbir C huwa kien jaħdem bix-*shift* u bil-lejl kien ikoll jieħu ħsiebu għax hi ma kientx tagħti każ.

Martu jgħid hija waħda ffissata fuq l-faċendi tad-dar u meta jiġi mix-xogħol irid jinża ż-żarbun u martu tittawwal mhux biex tilqgħu ġej mix-xogħol iżda biex ara għamilx saqajn u meta tara xi saqajn fl-art kienet tinfexx tgħajru maħmuġ u toffendih bil-familja tiegħu kollha.

Jgħid li hija kienet wkoll terfa' idejh fuqu u l-argumenti bdew dejjem jiżdiedu u bl-inwkiet telgħetlu l-pressjoni u kellu jieħu l-pilloli biex jikkontrollha.

Jgħid li martu ma tafx tieħu ħsieb il-flus u kienet tonfoq kemm ikollha. Kienet tixtri ħafna ikel f'daqqa u ġieli lanqas kien ikollha fejn tagħmilhom fil-*freezer*. Huwa pprova żżommilha ftit u kien jagħtiha flus perjodikament matul ix-xahar iżda meta għamel hekk l-argumenti żdiedu u meta kien jagħtiha l-paga kienet tonfoq bla kontroll u aktar ma kienet tarah mgħaffeġ aktar kienet tonfoq u kien għalhekk li ma baqgħax jagħtiha l-paga.

Jgħid li fl-argumenti mhux l-ewwel darba li martu tefgħet oġġetti iebsa għaliha u kellha jdejha ħafifa wisq. Darba anke tefgħetlu l-*mobile* u kissritulu, darba oħra nuċċali tax-xemx f'wiċċu u sabbtet il-*crash helmet* mal-art u kissritulu.

Meta kien ikun id-dar martu kienet tħalli l-ħasil u t-tindif għal dak il-ħin u anke meta kienu jidħlu wara l-għaxra ta' bil-lejl kienet dejjem tivvinta xi faċenda basta ma joqgħodux flimkien. Meta kienet jibdilha l-attenzjoni kienet tgħidlu biex ma jindaħalx.

Riedet tarbija oħra minkejja li flus ma kellhomx u meta kellhom t-tieni tifel is-sitwazzjoni ta' bejniethom marret għall-agħar.

Marad bil-marda tal-*psoraisis* li ħallietlu effett ikrah fuqu tant li ġieli waqa' *down* ħafna u kien jintefa' xi mkien waħdu jibki għax ma kienx ikun jista' jilbes li jrid minħabba l-qxur li jkollu ma' jdejh u saqajh u ġo rasu iżda minflok sab għajnuna minn martu hija dejjem tgħajru biha u din kien iħossha ħafna.

Kien jipprova jkollu x'jaqsam magħha iżda hija dejjem b'xi skuża biex ma jersaqx.

Jgħid li dejjem kien jgħidilha biex tkun ċerta li xtrat kollox ħalli ma jkollhomx għalfejn jerġgħu jmorru għax mhux l-ewwel darba li kienet taqalgħu aktar minn darba għax kienet tinsa l-affarijiet. Dwar l-incident ta' C li semmiet il-mara meta marru jixtru l-uniformi tal-iskola huwa jgħid li għax qalilha biex tħalliha l-irċevuta hija bdiet toffendih quddiem it-tfal u anke tagħtu daqqa ġo wiċċu minn wara waqt li kien qed isuq u kien għoddu tilef il-kontroll tal-karozza.

Darba ramietlhu l-ħwejjeġ barra u ħwejġu ma kienetx taħsilhom u dejjem theddu li jekk jitlaq tqaxxru ħaj.

Kien kostrett joħroġ mid-dar kontra qalbu wara li martu kienet bdiet torqod fl-i*spare bedroom*, ma kienet issajjarlu xejn u kien jispiċċa jiekol barra u minħabba l-argumenti quddiem it-tfal. Jgħid li meta telaq kellu ħafna theddid mingħand tal-familja tagħha speċjalment mingħand missierha, ommha u ħu A u għamel diversi rapporti lill-pulizija billi huwa kien heddu li ser jaqtagħlu rasu u jeħodha lil ommu ġo basket.

Huwa jiċħad li għandu relazzjoni ma' oħra u li meta martu marret Għawdex hija marret għall-ġlied flimkien mal-familjari tagħha.

Jgħid li martu qed tagħmel minn kollox biex taqtagħlu t-tfal u għadu sal-lum mċaħħad milli jara u jkollu aċċess għal uliedu.

Jgħid li martu taħdem bla ktieb u li hu għandu paga netta ta' bejn Lm400 u Lm550 fix-xahar li minnhom iħallas il-manteniment u l-kera fejn joqghod.

Fix-xhieda tiegħu in subizzjoni (seduta 20/11/07) il-konvenut xehed li ilu jaħdem man-Nylon Knitting xi tnax-il sena beda bħala *machine operator*. Fiż-żwieġ il-problemi minn dejjem kienu hemm. Il-mara l-faċendi jiġu qablu u d-dar ma jkunx għax martu kienet tgħid li d-dar jgħaffġilha. Dwar il-ħruġ jgħid li din kienet okkażjoni ta' darba fil-Milied ma' tax-xogħol u matul il-ġimgħa jinżel il-Birgu fejn twieled.

Jaf lil E u ltaqa' magħha xi ħmistax qabel l-inċident ta' Marsalforn. Sar jafha għax hu joqgħod Għawdex u jħobb jistad u sar ħbieb mat-tifel li kien imur jistad magħhom. Ilu joqgħod Għawdex xi sentejn u għażel Għawdex għax ommu u missieru mhux qegħdin tajjeb skond hu u telaq Għawdex. Ħa ħwejġu u għamel xi tlett ijiem jorqod fil-karozza. Jikri fejn joqgħod u joqgħod __________________________.

Telaq mid-dar wara li ħareġ lil ibnu ż-żgħir miegħu u meta rritorna t-tifel irremetta fil-karozza u martu *panic* kbir, ramiet l-ikel, ġiet tipprova terfa' jdejha fuqu u telaq. Jammetti li jbagħti bis-*psorisis* u martu tgħajru maħmuġ u tgħajru għax taqa' l-qoxra mis-*psorisis*. Mar Għawdex biex ikun bogħod minn kulħadd għax kien jaf li niesha jiġru warajh u jgħajruh; ommha jgħid li għadha kemm għajritu *"maħmuġ"* quddiem in-nies għax ibagħti bis-*psorisis*.

Kera Għawdex iħallas Lm150 fix-xahar lil H u rċevuti għandu xi tnejn u l-Qorti ppreżenta xi rċevuti tal-kera. Għadu ħabib ma' E u jiltaqgħu meta jiltaqgħu imma ġieli kellhom qadja u marru flimkien; jammetti li jsuq il-karozza tagħha u li għandha darba mar. Ma jidhirlux li E għandha *boyfriend.*

Mistoqsi jekk jafx li martu hi mweġġa mir-relazzjoni li għandu ma' E huwa wieġeb *"lili weġġgħatni tant"*. Ma ħallewhx jara t-tfal għax kull darba li jmur għat-tfal bil-problemi. L-aħħar li mar għat-tfal xi xhur ilu kien ħdejn l-għassa iżda t-tifel ġie u ż-żgħir ma riedx jiġi u beda jibki.

Jgħid li ma jridx jara t-tfal ibagħtu u lanqas qalulu li t-tifel għamel il-Griżma. Ma jridx kuntatt mal-mara u ma jridx jagħtiha t-*telephone number* ghax inkella toqgħod tgħajru. Jgħid li martu qatt ma kitbitlu biex jagħtiha indirizz u kuntatt tat-tfal. Kien imur għat-tfal u dejjem b'xi skuża daqqa li t-tifel għandu l-ażma biex ma jeħodhomx.

Fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2008 l-konvenut ppreżenta bħala xhud lil I bħala *private investigator* u xehdet li fid-9 ta' Mejju 2008 għall-ħabta tas-6:30 p.m. rat lill-attriċi ħierġa mid-dar tal-ġenituri tagħha bi mħadda jew *quilt* u ratha ssuq lejn Santa Lucia u ħdejn it-*telephone box* rikeb raġel ġol-karozza tagħha. Hi resqet fuq is-*seat* tal-passiġġier u r-raġel beda jsuq il-karozza ___-___ Opel Astra sewda. Saq għal Marsaskala ġibdet *video* u ppreżentat tlett *cd's* Dok A, B u C għall-ħabta tat-8:15 p.m. hija ħarġet iż-żgħir li kien magħhom fil-karozza fuq il-bandli u huma baqgħu fil-karozza iżda ma setgħetx tara x'kien qed jiġri fil-karozza.

It-tifel dam għoxrin minuta jilgħab fuq il-bandli u meta mar lura fil-karozza r-raġel beda jilgħab bl-idejn mat-tifel D. Din ma kienetx l-ewwel darba li l-attriċi ħarġet bi *quilt* jew imħadda bit-tifel ż-żgħir fil-karozza magħha. Biss Dok A, B u C huma tal-okkażjoni tad-9 ta' Mejju 2008.

**TORT**

Kif ġja' ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ u senjatament billi jakkużaw lill-xulxin bil-kawżalijiet imsemmija fil-liġi li jagħtu lok għal separazzjoni; l-attriċi tindika l-kawżalijiet kollha kompriż l-adulterju filwaqt li l-konvenut għalkemm ħalla barra l-adulterju biss, ukoll isostni li l-attriċi għandha relazzjoni ma' persuna oħra.

Il-perit leġali ikkonkudiet mill-*videos* (DVD's) li ġew esebiti illi l-partijiet it-tnejn illi huma qegħdin f'relazzjoni ma' terza

persuna, il-konvenut ma' E u jidher mill-provi illi nġabru illi fil-fatt dawn qed jgħixu flimkien; filwaqt li dejjem skond il-perit legali, jidher ċar illi l-attriċi ukoll għandha relazzjoni intima mar-raġel li jidher magħha fid-DVD esebita mill-konvenut. Il-perit legali ikkonkludiet illi pero' ma saritx il-prova li r-relazzjoni tal-attriċi ma' dan ir-raġel bdiet meta l-partijiet kienu għadhom flimkien u skond l-istess perit legali, l-unika prova li ressaq il-konvenut kienet id-DVD u l-*private investigator* u ebda prova oħra. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konklużjoni għaliex l-obbligu tal-fedelta' ma jieqafx skond il-liġi tagħna, lanqas meta l-partijiet jisseparaw u allura wisq inqas meta jkunu separati *de facto.* **("Carmelo Farrugia vs Josephine Farrugia" –** Qorti tal-Appell 6 ta' Frar 1992). Għalhekk filwaqt li kien il-konvenut li kkawża t-tifrik taż-żwieġ billi kien hu li kkommetta adulterju l-ewwel, l-attriċi ma tistax fuq l-iskorta tas-sentenza imsemmija, tiġi akkordata l-ħlas ta' manteniment. Dan naturalment mingħajr ma jkollha trodd lura xi manteniment illi ġiet akkordata fil-mori tal-kawża. Huwa ukoll stabbilit illi aggravju wieħed huwa biżżejjed biex jagħti lok ghal-separazzjoni; *perche' il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingiurie gravi ma qqaulunque di tale causa da soa basta, perche' sia tale da violare prodondamente I riguardi della convivenza coniugale.* **("Elisa Thompson vs Edward Thompson" –** 12 ta' Mejju 1925).

Għaldaqstant il-Qorti filwaqt taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali illi ż-żewġ partijiet kienu f'relazzjoni ma' persuni oħra, tasal biex tikkonkludi illi l-partijiet spiċċaw jgħixu f' *'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967). Il-Qorti jidhrilha pero' li filwaqt li l-konvenut kien il-kawża oriġinali tat-tifrik taż-żwieġ, dan se jkun rifless fid-deċiżjonijiet tal-Qorti dwar id-dar konjugali (billi l-konvenut qed jgħix ma' persuna oħra u l-attriċi ma wliedha biss) u fil-kap tal-ispejjeż.

**KURA U KUSTODJA**
Ma hemmx dubju li l-attriċi għandha jibqa' jkollha l-kura u kustodja tat-tfal, b'aċċess xieraq għall-konvenut.

**QSIM TAL-KOMUNJONI**
Mill-ġbir tal-provi rriżultaw dawn l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

**Beni immobbli;**
Dar matrimonjali ____________________ – ma ġietx stmata; fuq din id-dar illi nxtrat permezz tal-kuntratt a fol 49 fl-1994 hemm *house loan* pendenti illi minn Marzu 2006 bdiet titħallas mill-attriċi għaliex il-konvenut beda jirrifjuta jagħmel dan. Sa Ottubru 2009 kienu tħallsu 7,000 Euro.

Hemm kwistjoni mbagħad fuq appartament f'Wied il-Għajn, li ġie donat minn missier l-attriċi lill-partijiet meta dawn kienu ġja' miżżewġa. Għal xi raġuni fuq il-kuntratt ta' donazzjoni dehru ż-żewġ partijiet. Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali illi ċertament l-intenzjoni tal-missier kien li jibbenefika lill-bintu u dakinhar li sari l-kuntratt ma kellux problema bil-preżenza ta' żewġha fuq il-kuntratt għaliex kienu jgħixu flimkien ta' miżżewġin. Għalhekk mhux xieraq illi l-konvenut jibqa jgawdi minn din id-donazzjoni u dan l-appartament għandu jiġi assenjat lill-attriċi.

Dwar id-dar konjugali peress li qed tgħix l-attriċi flimkien ma' wliedha huwa xieraq li din tibqa' tabita fil-fond hi flimkien mat-tfal (għandu jingħad ċar u tond li hija ma tistax iddaħħal jgħixu magħha terzi) għal numru ta' snin sew; il-ħlasijiet lill-bank għandhom jinqasmu bejn il-partjiet u l-attriċi jibqagħlha d-dritt illi tiġbor mingħand il-konvenut nofs l-ammont ta' ħlasijiet illi għamel minn Marzu 2006 sal-lum.

**Beni mobbli;**
Vettura Hyundai Accent ___ - ___ – ma saritx stima;

Vettura Ford Fiesta ___ – ___ - ma saritx stima.

Mutur li ġie skrappjat mill-konvenut.

Kontijiet bankarji ta' entita' modesta; tajjeb għalhekk li kull kont jiġi assenjat lit-testatarju tal-istess kont;

Mobbli li hemm fid-dar konjugali. Kif sewwa rrimarkat il-perit legali, peress li ma saritx prova tal-provenjenza tagħhom, dawn huma kkonsidrati bħala li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas ma saret stima tagħhom.

Fin-nuqqas ta' stimi, il-Qorti se tordna li l-attriċi tiġi assenjata l-oġġetti kollha fid-dar konjugali oltra s-somma ta' 2,500 Euro (likwidata u ffissat mill-Qorti *arbitrio boni viri*) u l-konvenut iż-żewġ vetturi u l-introjtu li kellu mill-mutur.

Hemm ukoll xi tlett poloz ta' assikurazzjoni fuq il-konvenut; dawn għandhom jibqgħu tiegħu iżda anke hawn in mankanza ta' provi ta' ħlas il-Qorti se tordna ħlas ta' darba lill-attriċi tas-somma ta' 1,200 Euro rappreżentanti nofs il-ħlasjiiet ta' *premia* li saru sal-lum.

**PROPJETA' PARAFERNALI U ALLEGAZZJONIJIET TA' TEĦID TA' FLUS U OĠĠETTI OĦRA**

Huwa ċert li l-attriċi ħadet magħha s-somma ta' Lm6,000 – 13,976.24 Euro fiż-żwieġ biex tinxtara d-dar u allura hija għandha dritt teħodha lura bħala proprjeta' parafernali. Dwar affarijiet oħra, il-provi huma skeletali ħlief li l-konvenut kien ħa *stereo* miegħu illi allura għandu jiġi ritornat lilu barra l-oġġetti strettament personali tiegħu bħal karti tax-xogħol li ukoll għandu jieħu – milli jidher l-attriċi qed tirrifjuta li tagħtihomlu.

**MANTENIMENT**

Huwa ċar minn dak li ġja ngħad li ma hemm ebda lok li xi parti tiġi ordnata tħallas manteniment għal xulxin. Madankollu l-attriċi qed tiġi assenjata l-kura u kustodja taż-żewġt itfal illi għadhom pjuttost żgħar u a bażi tad-dħul tal-konvenut, il-Qorti se takkordna manteniment ta' 240 Euro fix-xahar (120 Euro għal kull wild).

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort tal-konvenut; għalkemm ma saritx talba *ad hoc*, billi huwa naturalment fl-interess tal-minuri illi jkun hemm provvediment fir-rigward, taffida l-kura kustodja tal-minuri msemmija fir-rikors lill-attriċi b'dan li l-konvenut ikollu aċċess ta' erba' siegħat fil-ġimgħa bejn l-1 ta' Ottubru u l-15 ta' Lulju u fil-perjodu rimanenti darbtejn fil-gimgħa bejn il-10:00 a.m. u t-8:00 p.m. (darba minnhom fil-*weekend*); il-ġranet ikunu miftehma mill-partijiet iżda f'każ li ma jkunx hemm ftehim ikun biżżejjed għal dan il-għan digriet ta' din il-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet.**

**2. Tiċħad it-tieni talba fir-rigward ta' manteniment pagabbli għall-attriċi billi nfondata għar-raġunijiet ġja' mogħtija iżda tordna lill-konvenut biex b'effett mill-1 ta' Ottubru 2010 iħallas manteniment ta' 240 Euro fix-xahar (*rebus sic standibus*) ossija 120 Euro għal kull minuri;**

**3. Tilqa' t-tielet talba;**

**4. Tilqa' r-raba' talba;**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti kif ġia' msemmi taħt it-titolu Qsim tal-Komunjoni f'din is-sentenza u tassenja ż-żewġ vetturi imsemmija, il-poloz tal-assikurazzjoni kollha f'isem il-konvenut u lill-attriċi l-beni kollha (*eccetto* l-i*stereo* u affarjiet purament personali tal-konvenut) iżda l-konvenut għandu jħallas bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' 3,700 Euro (€2,500 għall-oġġetti u €1,200 għall-poloz); tassenja lil kull parti l-kontijiet bankarji intestati f'isimhom rispettiv; l-attriċi għandha titħallas mill-attur is-somma ta' 3,500 Euro ossija nofs il-ħlasijiet li saru fuq is-self bankarju u dan għandu jibqa' jitħallas mill-partijiet f'sehem indaqs; tiddikjara li l-fond numru __ bl-isem ____________________________ huwa proprjeta'**

**assoluta tal-attriċi u *occorrendo* taħtar lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottoressa Gabrielle Buttigieg bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' 13,976.24 Euro filwaqt li l-konvenut jiġi ritornat l-i*stereo* u oġġetti purament personali tiegħu.**

**7. Tilqa' s-seba' talba bl-applikazzjoni tal-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili għall-perjodu ta' għoxrin sena mil-lum.**

**L-ispejjeż tal-kawża a kariku tal-konvenut; dawk tal-kuntratt għandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------